MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 670/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C24655**

**vs**

**Muscat Stefania**
**ID228982-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija, wiehed u ghoxrin euro, tlieta u hamsin centezmu (€621.53c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' kommunikazzjoni numru 79808569 numru tal-kont A/C40170442, moghtija mis-socjeta' attrici u dan skond kif jirrizulta mill-

annessi dokumenti mmarkati A u B u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.
Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok. A sa Dok. C.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija, wiehed u ghoxrin euro, tlieta u hamsin centezmu (€621.53c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------